**20 ta' Ottubru, 1958**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Dr. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D. President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt. LL.D.**

Carmelo Said et.

*versus*

Nutar Dr. Giuseppe Cauchi

**Ġudikat — Testment — Legat — Interpretazzjoni — Benefikati fil-Fond imħolli b'Legat — Art. 745 u 768 (2) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Jekk il-Qorti tal-Ewwel Istanza tkun iddeċidiet flimkien mal-meritu, iżda b'kap separat kif għandha tagħmel, l-eċċezzjoni tal-ġudikat f'sens sfavorevoli għall-appellant, li kien qanqalha f'dik l-istanza, imma fil-petizzjoni tal-appell talab biss ir-revoka tas-sentenza, din għandha tiftiehem bħala talba għar-revoka tad-deċiżjoni fil-meritu, u mhux anki komprensiva tal-preġudizzjali tal-ġudikat, ladarba ma tkun saret ebda menzjoni ta' dik l-eċċezzjoni fil-petizzjoni, u l-istess eċċezzjoni ma tkunx issemmiet xejn fid-dibattitu orali quddiem il-Qorti tat-Tieni Istanza.*

*Fl-Qrati ta' Malta ġiet minn dejjem adottata u applikata, f'materja ta' interpretazzjoni testamentarja, ir-regola fondamentali tad-Dritt Ruman "non aliter a significatione verborum recedi oportet quam cum manifestum sit aliud sensisse testatorem"; u għalhekk, meta d-dispożizzjoni hi ċara, għandha tirċievi l-eżekuzzjoni tagħha. Hu ċert ukoll li*

*l-intenzjoni tad-disponent għandha tiġi dedotta "ex visceribus" tal-istess dispożizzjoni li tkun in kwistjoni. Ċertament din tista' tiġi raffrontata ma' dispożizzjonijiet oħra tat-testment, dak stess jew oħrajn preċedenti jew posterjuri; imma l-interpreti ma għandux joħroġ minn dawk il-limiti, u ma għandux ifittex sussidju mill-kliem ta' xhieda jew minn konġettur: ndipendentement mill-kliem tat-testment jew testmenti.*

*Fil-każ preżenti, it-testatriċi għamlet testment, u, wara dispożizzjonijiet oħra kif magħmula, ordnat li fond li kien mikri għand l-attur kellu, wara mewtha, jinqasam fi tliet porzjonijiet, u dawn il-porzjonijiet jiġu assenjati bħala legat lill-persuni ndikati fl-istess testment, fosthom il-konvenut, li kellu jkun assenjatarju ta' waħda mill-porzjonijiet; u l-istess testatriċi semmiet speċifikatament f'liema ambjenti kellha tikkonsisti kull waħda minn dawk it-tliet porzjonijiet. Intant l-attur kien għamel xi benefikati fil-fond, u l-konvenut ippretenda li fil-porzjoni mħollija lilu bħala legat kienu kompriżi l-benefikati magħmula mill-attur meta kien inkwilin tal-fond, u l-attur aġixxa kontra tiegħu biex jiġi dikjarat u deċiż illi dawn il-benefikati ma kienux jiffurmaw parti mill-legat imħolli mit-testatriċi. U b'applikazzjoni tal-prinċipji fuq aċċennati l-Qorti qatgħet illi t-testment kien ċar biżżejjed u ma kellux jiftiehem fis-sens pretiż mill-konvenut, imma f'sens esklużiv tat-teżi tiegħu.*

*Il-Qorti fissret ukoll illi fil-każ ma kienetx tapplika d-dispożizzjoni tal-liġi li tgħid illi meta t-testatur, li jkun ħalla b'legat il-proprjetà ta' immobili, ikun kabbar din il-proprjetà b'akkwisti oħra li jsiru wara, dawn l-akkwisti, għad li jkunu jmissu mal-fond imħolli b'legat, ma jitqiesux li jagħmlu sehem mill-legat mingħajr ma ssir dispożizzjoni ġdida; kif lanqas tapplika d-dispożizzjoni l-oħra tal-liġi li tgħid illi l-ħaġa mħollija legat titqies li ġiet imħollija, u għandha tiġi kunsidrata bl-aċċessorji meħtieġa tagħha, u fil-kondizzjoni li tkun tinsab dak inhar tal-mewt tat-testatur, iżda jitqies il-kuntrarju għall-abbellimenti jew għall-bini ġdid magħmul fil-fond imħolli legat, jew għall-fond li t-testatur ikun kabbar ir-reċint tiegħu billi daħħal fih akkwisti oħra; u dan għar-raġuni illi hu ovvju li dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet jikkontemplaw il-każ li fih it-tibdil ikun*

*sar wara t-testment mentri fil-każ preżenti k'enu saru l-benefikati qabel ma sar it-testment. Il-Qorti qatgħet fis-sens fuq imsemmi sempliċement fuq il-konsiderazzjoni li t-testment kien ċar biżżejjed u ke!'u jiġi nterpretat f'dak is-sens.*

*Il-Qorti:*— Rat iċ-ċitazzjoni tal-atturi quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna fil-Kompetenza Superjuri bħala Qorti taċ-Ċivil, li biha, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni opportuna, u wara li jiġu mogħtija l-provvedimenti li hemm bżonn, peress li l-atturi Carmelo, Rosa, u Maria Said, huma eredi ta' erbgħa settimi (4/7), u l-attriċi Portelli eredi ta' kwart ta' settimu ieħor (¼ ta' 1/7), tal-wirt ta' Carmela Cauchi, li mietet in-Nadur, Għawdex, fl-10 ta' Marzu 1951, b'testment in atti F. recte Francesco Refalo tat-22 ta' Novembru, li bih, fost affarijiet oħra, ħalliet fit-tielet artikolu it-tielet porzjoni ta' lok ta' djar Xjuf ir-Rieħ Street, Nadur, liema porzjoni hekk legata tikkonsisti fl-entrata bil-bieb numru 2 tal-istess trieq, u kamra magħha bil-ġardina warajha, u biċċa mandra oħra magħhom għat-tramuntana, bħala suġġetta għal żewġ quddiesiet; liema legat ġie mħolli lill-konvenut; u peress li l-attur Carmelo Said, waqt li kien inkwilin tal-istess fond hekk legat lill-konvenut, għamel, fil-ħajja ta' Carmela Cauchi, u bil-kunsens u approvazzjoni tagħha, benefikati stabili fl-istess parti hekk legata lill-konvenut, tal-valur ta' £450, kif ġie deċiż fil-kawża "Said vs. Said et." deċiża fil-5 ta' Diċembru 1956 mill-Qorti; liema benefikati ma ġewx kompriżi fil-legat imħolli lill-konvenut; u peress li l-konvenut għandu d-dritt jitlob lill-eredi (fosthom l-atturi) tal-istess Carmela Cauchi li jiġi immess fl-istess legat; talbu li jiġi dikjarat u deċiż li fil-legat imħolli lill-konvenut mill-istess Carmela Cauchi huma biss kompriżi l-entrata, kamra, biċċa ġardina u mandra, kif dettaljati fl-istess testment, u għalhekk huma esklużi l-komoditajiet edilizji li għamel l-attur Carmelo Said, u li jirriżultaw mill-imsemmija sentenza tal-5 ta' Diċembru 1956. Salvi drittijiet u azzjonijiet oħra kompetenti lill-atturi kontra l-konvenut għar-rifużjoni ta' dak kollu li ħarġu in konnessjoni mal-istess benefikati. Bl-ispejjeż;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li qal li, qabel xejn, għad-domandi tal-atturi huwa ostattiv il-ġudikat naxxenti mis-sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Diċembru 1956 fil-kawża "Said vs. Said"; u li, subordinatament, il-benefikati magħmula mill-attur Carmelo Said ġew kostruwiti qabel it-testment ta' Carmela Cauchi, u għalhekk l-istess benefikati u l-valur tagħhom huma kompriżi fil-legat imħolli lili-eċċipjenti; salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-30 ta' Jannar 1958, li biha ddeċidiet billi, fil-waqt li rrespinġiet l-eċċezzjoni tal-ġudikat sollevata mill-konvenut, laqgħet it-talba tal-atturi; bl-ispejjeż kollha kontra l-istess konvenut; wara li kkunsidrat;

Fuq l-eċċezzjoni tal-ġudikat;

Illi l-estremi neċessarji ta' din l-eċċezzjoni huma li l-ħaġa mitluba tkun l-istess, it-talba tkun fondata fuq l-istess kawża bejn l-istess partijiet, u proposta minnhom u kontra tagħhom fl-istess kwalità. Għar-rigward tal-ewwel rekwiżit (l-identità tal-ħaġa mitluba), hu paċifikament ammess li mhux neċessarju li l-identità tkun assoluta u materjali, imma biżżejjed l-identità ġuridika (Kumm. "Darmanin vs. Micallef", 30 ta' Ġunju 1953, Vol. XXXVII-III-900);

Illi, kif għallmet il-Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina fis-sentenza "Francesco Aquilina vs. Joseph Gasan et." tal-5 ta' Novembru 1934 (Vol. XXIX-I-1155), elementi tal-eċċezzjoni tal-ġudikat huma li s-sentenza ta' qabel kienet mogħtija f'kawża bejn l-istess persuni u fuq l-istess oġġett u għall-istess kawżali ("eaedem personae, eadem res, eadem causa petendi") bħal fil-kawża l-ġdida, u li l-"exceptio judicati" għandha bħala fondament tagħha l-interess publiku, u hija ta' interpretazzjoni strettissima; u f'każ ta' dubju, il- ġudikant għandu jaqta' kontra dik l-eċċezzjoni;

Illi din l-eċċezzjoni tar-"res judicata" ma hix attendibbli meta ma hemmx l-identità tal-ħaġa mitluba fil-kawża preżenti u fil-kawża preċedenti fejn ġiet mogħtija s-sentenza msemmija fil-kawża preżenti (P.A. "Nutar Oscar

Azzopardi vs. Gerald Cuschieri", 19 ta' Diċembru 1950, Vol. XXXIV-II-725). Biex tkun ġudikat, is-sentenza trid tkun ġiet mogħtija f'kawża fejn kienu preżenti l-partijiet kollha li jidhru fil-kawża sussegwenti; jiġifieri li huwa meħtieġ l-element tal-"eaedem personae", apparti l-elementi l-oħra li huma wkoll meħtieġa. U lanqas hemm ġudikat għal xi parti li tkun dehret fil-kawża fejn ġiet mogħtija dik is-sentenza, jekk dik il-parti tkun dehret fi kwalità diversa minn dik li fiha tidher fil-kawża sussegwenti (P.A. "Joseph Spiteri pr. et ne. vs. Edoardo Busuttil et.", 23 ta' Mejju 1954, Vol. XXXII-II-41);

Illi f'sentenza reċenti in re "Grazia Camilleri vs. Antonio Sciberras", mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Marzu 1957, ġie affermat li hemm lok għall-eċċezzjoni tal-ġudikat anki meta l-meritu tal-każ, għalkemm distint minn dak tal-kawża ta' qabel, jifforma parti mill-istess ħaġa, jekk il-punt kontrovers ikun l-istess; u hemm ġudikat impliċitu meta d-deċiżjoni tkun konsegwenza neċessarja tal-motivazzjoni espressa, billi l-volontà tal-ġudikant tista' tittieħed anki mill-konsiderandi tas-sentenza; għax meta dawn il-konsiderandi juru b'mod ċar li l-ġudikant irritjena mhix fondata xi eċċezzjoni, ikun jidher li huwa espliċitament irrespinġiha, għalkemm id-dispożittiv ma jsemmi xejn fuqha, billi dan ma għandux jittieħed separatament mill-motivat. Konsegwentement, meta l-pretensjoni dedotta fil-kawża hija inkompatibbli mas-sentenza preċedenti bejn l-istess partijiet, hija ħaġa evidenti li, jekk l-istess pretensjoni tiġi ritenuta fondata, dan isir kuntrarjament għal dak li ġie ritenut bl-ewwel sentenza, li b'hekk tiġi newtralizzata — ħaġa din legalment inammissibbli, billi r-rabta tal-ġudikat hija talment effikaċi li tosta, u hija appuntu ntiża biex tosta, għal dak l-istat ta' inkompatibilità. F'sens konformi huma diversi deċiżjonijiet oħra (App. "Borg vs. Farrugia" 31 ta' Marzu 1952, Vol XXXVI-I-75; App. "Tabone vs. Mifsud et." 15 ta' Frar 1954, Vol. XXXVIII-I-51; App. "Camilleri vs. Frendo" 5 ta' Frar 1934, Vol. XXVIII-I-519);

Illi, stabbiliti l-prinċipji imperanti in materja, irid jiġi

issa eżaminat jekk fil-każ jirrikorrux l-elementi kollha tal-eċċezzjoni, kif pretiż mill-konvenut;

Illi biċ-ċitazzjoni nru. 4 tal-1956, maqtugħa definittivament minn din il-Qorti fil-5 ta' Diċembru 1956, l-attur Carmelo Said kien talab, in kontradizzjoni ta' Antonio Said, Maria u Rosa aħwa Said, Nutar Dr. Giuseppe Cauchi, Giuseppa mart Pasquale Grima, Angiolina mart Paolo Farrugia, Maria mart Carmelo Portelli, u Salvina mart Giuseppe Muscat, li jiġi likwidat l-ammont tal-benefikati edilizji jew tal-valur awmentat tal-fond nru. 2 Trieq Xjuf ir-Reħ, Nadur, li huwa kien għamel bħala inkwilin matul il-ħajja u bil-kunsens tal-awtriċi komuni tal-kontendenti, Carmela Cauchi, u l-konsegwenti kundanna għall-ħlas relattiv. Fil-kawża tal-lum, inveċi, il-partijiet huma diversi; għaliex qegħdin jaġixxu biss l-imsemmija Carmelo Said, Maria u Rosa, aħwa Said, u Maria mart Carmelo Portelli. Inoltre, id-domanda odjerna hija ntiża biex tiġi ottenuta dikjarazzjoni ġudizzjarja li fil-legat tat-tielet porzjoni tal-imsemmi lok ta' djar, numru 2 Trieq Xjuf ir-Rieħ, Nadur ordnat mid-decujus, l-istess Carmela Cauchi, a favur tal-uniku konvenut, Nutar Giuseppe Cauchi, fit-testment tagħha publikat minn Nutar Francesco Refalo fit-22 ta' Novembru 1950, ma humiex kompriżi l-kumditajiet edilizji li għamel l-attur Carmelo Said, u li kienu jiffurmaw il-meritu tal-kawża l-oħra. Bis-sentenza ta' qabel ġie biss deċiż li l-attur Carmelo Said kien għamel l-imsemmija benefikati bil-kunsens tal-lokatriċi proprjetarja, u li kwindi kien ħaqqu l-korrispettiv likwidat b'dik l-istess sentenza; però bl-ebda sforz ma jista' jingħad li ġie diskuss, u għalhekk definit, il-punt kontrovers fil-ġudizzju preżenti dwar il-konsistenza tal-legat imħolli lill-konvenut;

Illi, kwindi, l-ebda wieħed mit-tliet rekwiżiti essenzjali ta' din l-eċċezzjoni (identità tal-persuni, identità tal-oġġett, u identità tal-kawża) ma jidher li jirrikorri. Huwa veru li, għalkemm ma jistgħax jiġi eċċepit il-ġudikat fid-difett tar-rekwiżit tal-identità tad-domandi, il-ġudikat huwa validevoli biex jiddefinixxi d-domanda sussegwenti, jekk din, għalkemm mhix identika għal dik definita bil-ġudikat, tkun fondata fuq l-istess "ratio petendi" (App. "Giuseppe For-

*mosa Speranza nomine vs. Pietro G. Camilleri*", 16 ta' Jannar 1933, Vol. XXVIII-I-740); però mill-espożizzjoni tad-domanda preċedenti u din preżenti jidher evidenti li teżula l-identità tar-"ratio petendi"; mhux biss, iżda wkoll li l-punt kontrovers huwa għal kollox divers, kif ukoll divers huwa l-oġġett taċ-ċitazzjoni tal-lum, li ma jidħolx bħala parti ntegrali ta' dak dedott fl-ewwel ċitazzjoni (P.A. "Abela vs. Fenech", 28 ta' Frar 1946, Vol. XXXII-II-243);

Illi l-Coen ċitat fis-sentenza fuq riferita, "Tabone vs. Mifsud", jiddetta prinċipji oħra f'din il-materja, u ċjoè:— "Passata in giudicato la sentenza, non sono più ammissibili nuove eccezioni che mirino a distruggere o restringere il giudicato; la regola 'tantum judicatum quantum disputatum' procede soltanto nel senso che dopo il giudicato si possono proporre, discutere ed ammettere, eccezioni nuove che col giudicato sono conciliabili...... La cosa giudicata osta a che si sollevino quistioni nuove assorbite dal giudicato divenuto irrevocabile...... Per decidere che vi sia cosa giudicata, in quanto si controverta se una seconda domanda abbia carattere di novità o piuttosto presenti identità colla 'causa petendi' già sperimentata in altra precedente, si deve aver riguardo non soltanto al titolo o meno dell'azione, ma altresì al diritto conteso, all'intento ed al fine che la parte si propone di conseguire". Anki l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli għall-fattispeċje tal-każ iwasslu għat-teżi kuntrarja għal dik propunjata mill-konvenut, peress li l-iskop tat-talba odjerna mhux dak li jerġgħu jinfetħu kwistjonijiet ġa definiti bis-sentenza preċedenti, iżda għall-kuntrarju, biex jiġi lill-atturi rikoxxut dritt totalment differenti u għal kollox estraneu għal dak irrevokabbilment deċiż;

Illi, għalhekk, għad-domanda tal-atturi mhux ta' ostakolu l-ġudikat fuq imsemmi; u l-eċċezzjoni relattiva tal-konvenut ma tistgħax tiġi akkolta;

Ikkunsidrat, fil-meritu;

Illi fit-tielet artikolu tat-testment fuq imsemmi d-decujus Carmela Cauchi ordnat li l-lok ta' djar fin-numri 1

u 2 Trieq Xjuf ir-Rieħ, Nadur, jiġi maqsum fi tliet porzjonijiet, li minnhom ħalliet lill-konvenut it-tielet porzjoni, hekk deskritta mit-testatriċi:— "Li tkun tikkonsisti fl-entrata bil-bieb nru. 2 tal-imsemmija Trieq Xjuf ir-Rieħ, Nadur, u kamra oħra magħha bil-ġardina magħha, u biċċa mandra oħra magħhom għat-tramuntana";

Illi, "ex admissis", il-benefikati in kwistjoni saru mill-attur Carmelo Said qabel ma Carmela Cauchi għamlet l-imsemmi testment tat-22 ta' Novembru 1950;

Illi l-partijiet qablu, kif jidher mill-verbal tal-aċċess tal-20 ta' Novembru 1957 (fol. 11), li barra mill-kamra laterali fuq il-lemin ta' min jidħol fil-fond nru. 2 tal-imsemmija trieq u entrata, kif ukoll ambjent żgħir fil-fond tal-mandra, l-ambjenti l-oħra ġew kollha kostruwiti mill-attur Carmelo Said fiż-żmien li kien jabita mad-decujus;

Illi, meta wieħed jikkonfronta bir-reqqa d-diviżjoni tal-fond "de quo", kif ordnata mit-testatriċi, mat-topografija tiegħu attwali u ma' dik eżistenti qabel ma l-attur Said bena l-benefikati edilizji, ma jistgħax ma jarax li d-decujus iddelineat kull porzjoni rispettiva bi preċiżjoni għal kif kienu l-ambjenti fl-epoka preċedenti għall-kostruzzjoni tal-istess benefikati;

Illi kien ikun faċli għat-testatriċi li tindika fil-qasma minnha stabbilita, bħala appartenenti għal kull porzjoni rispettiva, anki l-miljoramenti apportati fil-fond mill-attur Carmelo Said;

Illi, kif irriteniet il-Qorti tal-Appell fil-kawża "Scicluna vs. Ellis" tal-21 ta' Mejju 1937 (Vol. XXIX-I-1021), għandha ssir distinzjoni fondamentali bejn ħaġa li skond l-art. 345 inċiż (6) tal-Kodiċi Ċivili (ġa art. 2 tal-Ord. VII tal-1868) issir parti mill-fond stess, u għalhekk issir immobili bħall-fond, u ħaġa oħra li skond l-art. 1653 tal-istess liġi l-kerrej għandu dritt jaqla', avvolja jkun miljorament, jekk il-lokatur ma jridx iżommha u jħallas il-kunpens hemm indikat. Skond dan l-aħħar artikolu, jekk il-miljorament jistgħu jinqalgħu mill-post, il-kerrej għandu dritt jieħu dawk il-miljoramenti, salvi d-drittijiet tal-proprje-

tarju. U invista ta' dan, l-istess Qorti Suprema, f'deċiżjoni oħra "Marietta Borg vs. Carmelo Fenech Cefai", tal-21 ta' Novembru 1921 (Vol. XXIV-I-1890), iddeduċiet il-konsegwenza ġuridika li, sakemm il-proprjetarju tal-materjali li bihom ġiet kostruwita "un'opera nel fondo altrui" ma jirċevix il-valur tal-miljoramenti, huma jibqgħu "proprietari di detti migliorarnenti, e continuano ad essere intitolati al paganmento del loro valore". Hekk ukoll esprimiet ruħha l-Prim'Awla fil-kawża "Bonnici vs. Borg Carbott", 16.5.1935, Vol.XXIX-II-501;

Illi, kif intqal, jirriżulta indubitat li l-attur Carmelo Said qatt ma tħallas minn għand Carmela Cauchi tal-imsemmija benefikati, tant li kellu jipproċedi ġudizzjarjament għall-istess ħlas; u kwindi, meta Carmela Cauchi ddisponiet "causa mortis' kif intqal, l-istess miljoramenti ma kienux jappartjenu lilha;

Illi dawn ir-ri'flessjonijiet qegħdin isiru unikament biex tiġi riżoluta l-kwistjoni sottomessa għall-ġudizzju tal-Qorti, jiġifieri jekk il-benefikati edilizji mibnija mill-attur Said jidħlux jew le fil-legat imħolli lill-konvenut. Biex il-Qorti tifforma l-ġudizzju tagħha hija kellha neċessarjament tinvesti dan il-pont, biex tara, flimkien mal-konsiderazzjonijiet l-oħra miġjuba l-quddiem, x'riedet tiddisponi d-decujus. Għalhekk ma jistgħax jingħad li qiegħed jiġi oltre passat il-kamp tal-"ultra" jew "extra petitum", indipendentement minn kull nuqqas ta' premessa "ad hoc" fiċċitazzjoni dwar in-nullità ta' legat ta' "res aliena";

Illi norma prinċipali fl-interpretazzjoni ta' testment hija dik li wieħed għandu jirrikorri għall-interpretazzjoni letterali. "Quantunque sia regola che 'non mens verbis sed verba menti servire debent', tuttavia anche nel caso di urto tra le parole e lo spirito della disposizione l'interprete non può allontanarsi dalla lettera per fondarsi su ciò che egli ritenga essere stata l'intenzione del testatore, ma vi sarà luogo solo a tale interpretazione nel caso che la lettera sia oscura, o per sè stessa, o messa in confronto con tutto il contesto" (Appell "Mallia vs. Mamo et.", 2/3/1921, Vol. XXIV-I-729);

Illi, kif qabel rilevat, il-kliem adoperati mit-testatriċi, meta ġiet biex tifforma l-mod kif riedet li ssir il-qasma tal-fond u l-assenjazzjoni ta' kull porzjoni lir-rispettiv legatarju, huma biżżejjed ċari u univoċi, speċjalment meta l-kostruzzjoni tal-miljoramenti kienet diġà kompletata u hija kienet toqgħod fl-istess fond; u juru, fil-fehma tal-Qorti, li hija riedet tikkomprendi biss fl-imsemmi legat il-proprjetà immobiljari eskluživa tagħha, bla żieda ta' ebda bini ieħor kostruwit minn ħadd ieħor;

Illi għandu wkoll jiġi osservat li, meta l-kwistjoni tkun dwar jekk il-legat għandux jiġi ammess jew eskluż, l-interpretazzjoni għandha tkun favur il-legatarju; iżda meta tkun dwar l-estensjoni jew kwantità tal-legat, l-interpretazzjoni għandha tkun favur l-eredi (P.A. "Carabott utrinque", 29 ta' Novembru 1947, Vol. XXXIII-II-146);

Illi, jekk "non sono compresi nel legato di un fondo come servi accessori i materjali stati ġià ivi raccolti per la costruzione di opere" (Fadda, comm. all'art. 876, no. 42), "multo magis" ma hix kompriża f'dispożizzjoni partikulari simili l-opera ġa kostruwita:

Illi l-art. 745(1) tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi li meta t-testatur li jkun ħalla b'legat il-proprjetà ta' immobili, ikun kabbar din il-proprjetà b'akkwisti oħra li jsiru wara dawn l-akkwisti, għad li jkunu jmissu mal-fond imħolli b'legat, ma jitqiesux li jagħmlu sehem mill-legat, mingħajr ma ssir dispożizzjoni ġdida. Evidentement din id-dispożizzjoni qegħdha tipprevedi kostruzzjonijiet ġodda li jsiru wara t-testment, għaliex altrimenti jibqgħu bla sens il-kliem "mingħajr ma ssir dispożizzjoni ġdida". Għalhekk, dan l-artikolu ma jsibx l-applikazzjoni tiegħu fil-każ preżenti, peress li, kif intqal, huwa paċifiku bejn il-partijiet li l-miljoramenti edilizji in kwistjoni kienu diġà lesti qabel il-publikazzjoni tat-testment;

Huwa dispost espress tal-liġi (art. 768 Kodiċi citat) li l-ħaġa mħollija legat titqies li ġiet imħollija bl-aċċessorji meħtieġa tagħha u fil-kondizzjoni li tkun tinsab dak inhar tal-mewt tat-testatur; iżda jitqies il-kuntrarju. ċjoè li dawk l-aċċessorji ma jidħlux fil-legat, għall-abbellimenti

jew għall-bini ġdid magħmul fil-fond imħolli b'legat, jew għall-fond li t-testatur ikun kabbar ir-reċint tiegħu billi daħħal fih akkwisti ġodda. Ma jistgħax ikun li din l-aħħar regola qegħdha tipprevedi miljoramenti magħmula wara t-testment, għax diversament jiġi li l-leġislatur ikun qiegħed jirrepeti dak li hemm dispost fl-art. 745 fuq riportat — ħaġa kuntrarja għal kull prinċipju ta' sana nterpretazzjoni. Wara kollox, fiż-żewġ artikoli hawn ċitati l-liġi tistabbilixxi sempliċi preżunzjoni, li tista' tiġi kombattuta bi provi u ċirkustanzi kuntrarji;

Illi, in vista' tal-premess kollu, din il-Qorti tippropendi biex tikkonkludi li l-benefikati ndikati fiċ-ċitazzjoni ma għandhomx jiġu kunsidrati bħala formanti oġġett tal-legat imħolli lill-konvenut minn Carmela Cauchi fit-testment tagħha qabel ripetut;

Rat fol-38 in-nota tal-appell tal-konvenut, u fol. 40 il-petizzjoni tiegħu. li biha talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li t-talba tal-atturi tiġi miċħuda; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Fis-sentenza appellata ġiet deċiża, flimkien mal-meritu, iżda b'kap separat (konformement għall-art. 731 Kap. 15 Ediz. Riv.) l-eċċezzjoni tal-ġudikat f'sens sfavorevoli għall-appellant, li kien issollevaha. Fil-petizzjoni ntalbet ir-revoka tas-sentenza, iżda din għandha tiftiehem bħala talba għar-revoka tad-deċiżjoni fil-meritu, u mhux anki komprensiva tal-preġudizzjali fuq imsemmija; għaliex (a) ebda menzjoni ma hemm tal-eċċezzjoni fost l-aggravji fil-petizzjoni, (b) il-kjuża tal-petizzjoni, għalkemm legalment mhix attakkabbli, kienet tkun konċepita xort'oħra, b'mod li tirrispekkja l-karattru alternattiv tal-kontestazzjoni, bħal ma hemm fin-nota tal-eċċezzjonijiet fol. 7 (ċ), u fid-dibattitu orali quddiem din il-Qorti l-preġudizzjali ma ssemmiet bl-ebda mod;

Osservazzjoni oħra, li jeħtieġ li tiġi premessa, hi dik dwar id-dokument fol. 51, ċjoè il-kopja tat-testment ta' Carmela Cauchi. Dan id-dokument ġie preżentat in segwitu għall-ordni tal-Qorti fol. 48, minħabba li dak preżentat maċ-ċitazzjoni, fol. 3 tergo, kien kopja informi. Evidentement, meta ttieħdet din il-kopja nformi biex tiġi regolarizzata xi ħadd għamel, sabiex jirrendiha konformi għall-oriġinal, it-taħsiriet u l-korrezzjonijiet bil-lapis li jidhru fol. 52, iżda mbgħad, minflok ma dawn ġew magħmula u postillati regolarment, in-nutar iffirma l-kopja bihom kif kienu bil-lapis. Għalhekk din il-Qorti sejra tagħmel ir-riferenza tagħha mhux in bażi tad-dokument fol. 51 ta' dan il-proċess, imma tal-kopja regolari li hemm fil-proċess l-ieħor "Said utrinque", ċitaz. 4/1956, deċiż mill-Qorti ta' Għawdex fil-5 ta' Diċembru 1956, li għalieh il-partijiet għamlu riferenza; liema kopja tinsab fil-fol. 5 ta' dak il-proċess;

Ikkunsidrat;

Il-kwistjoni nvoluta f'dan l-appell tivverti fuq it-tielet artikolu tat-testment ta' Carmela Cauchi tat-22 ta' Novembru 1950 in atti tan-Nutar Francesco Refalo, u aktar partikolarment fuq il-laxxitu favur il-konvenut kontenut f'dak l-artikolu; fis-sens li, mentri l-atturi qegħdin isostnu li f'dak il-legat ma humiex kompriżi l-kumditajiet edilizji li kien żied l-attur Carmelo Said, għall-kuntrarju, il-konvenut appellant isostni li dawn il-kumditajiet huma kompriżi fil-legat lilu mħolli;

Ma hemmx kuntrast bejn il-kontendenti li dawn il-kumditajiet ġew kostruwiti qabel it-testment tal-imsemmija Carmela Cauchi; għalhekk ma jidħlux f'din il-kwistjoni la l-art. 745 u lanqas l-art. 768(2) tal-Kodiċi Ċivili, għaliex hu ovvju li dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet jikkontemplaw il-każ li fih it-tibdil ikun sar wara t-testment;

Ikkunsidrat;

Illi r-regola tad-Dritt Ruman f'materja ta' interpretazzjoni testamentarja — "non aliter a significatione ver-

borum recedi oportet quam cum manifestum est aliud sensisse testatorem" — ġiet minn dejjem adottata u applikata fil-Qrati ta' Malta; u għalhekk, meta d-dispożizzjoni hi ċara, għandha tirċievi l-eżekuzzjoni tagħha. Hu ċert ukoll li l-intenzjoni tad-disponent għandha tiġi deżunta "ex visceribus" tal-istess dispożizzjoni li tkun in kwistjoni. Ċertament din tista' tiġi raffrontata ma' *dispożizzjonijiet* oħra tat-testment, dak stess jew oħrajn preċedenti jew posterjuri; imma l-interpreti ma għandux joħroġ minn dawk il-limiti, u *ma għandux* ifittex sussidju mill-kliem ta' xhieda jew *minn konġetturi indipendenti mill-kliem* tat-testment jew testmenti (ara App. "Axiak utrinque", 26.2.45, Vol. XXXII-I-178);

Ikkunsidrat;

Id-*dispożizzjoni in* kwistjoni tgħid hekk (għal dik il-parti tagħha li hi rilevanti għal din il-kawża):— "It-testatriċi Carmela Cauchi trid u tordna li l-lok ta' djar li qiegħed fin-numri 1 u 2 ta' Trieq Xjuf ir-Rieħ, in-Nadur, Għawdex, li jmiss ........ għandu jinqasam fi tliet porzjonijiet li għandhom jinqasmu u jiġu assenjati kif sejjer jingħad, jiġifieri l-ewwel porzjoni, *li tkun tikkonsisti* ..... għandha tiġi assenjata b'titolu ta' legat lil ...... it-tieni porzjoni, li tkun tikkonsisti...... għandha tiġi assenjata b'titolu ta' legat lil ...... it-tielet porzjoni, li tkun tikkonsisti *fl-entrata* bil-bieb *numru* 2 tal-imsemmija Trieq Xjuf ir-Rieħ, Nadur, u kamra oħra magħha bil-ġardina warajha, u biċċa mandra oħra magħhom għat-tramuntana, għandha tiġi assenjata bl-istess titolu ta' legat lis-sinjur nutar Dr. Giuseppe Cauchi......" L-atturi, kif ingħad, qegħdin isostnu li l-legat tat-tielet porzjoni jikkomprendi biss dak li hemm imsemmi mit-testatriċi, u ma *jikkomprendix* l-ambjenti l-oħra li ġew kostruwiti mill-attur Carmelo Said;

X'inhuma dawn l-ambjenti l-*oħra*, anki apparti l-pjanti markata "*A*" u "*B*", eżibiti bin-nota fol. 58, jirriżulta ċar mill-verbal li ġie opportunament reġistrat mill-Ewwel *Qorti fl-aċċess li hija* żammet fuq il-post, ċjoè minn dik il-parti tal-verbal li *tidher* fol. 11. Infatti, kwantu għall-konsistenza tal-fond numru 2 tat-Trieq fuq imsemmija (il-

*lum numru 4)*, *il-partijiet* għamlu riferenza għad-deskrizzjoni li saret mill-Perit Arkitett Renè Butigieg fir-relazzjoni tiegħu li tinsab fol. 46 tal-proċess li għalieh saret riferenza. Il-partijiet qablu wkoll, li, barra mill-kamra laterali fuq il-lemin, u l-entrata u l-ambjent żgħir fil-fond tal-mandra (ċjoè il-kumditajiet imsemmijin mit-testatriċi), *l-ambjenti l-oħra kienu kollha kostruwiti minn* Carmelo Said, li, skond l-atturi, ma humiex kompriżi fil-legat. Fir-relazzjoni fuq imsemmija tal-Perit Butigieg hemm imsemmi liema kienu l-benefikati kostruwiti minn Carmela Said, u din ir-relazzjoni ġiet adottata fis-sentenza finali tal-5 ta' Diċembru 1956;

*Il-konvenut jinterpreta d-dispożizzjoni* testamentarja fuq riportata bħala li tikkomprendi anki l-kumditajiet edilizji li għamel fil-fond l-attur Carmelo Said. It-teżi tal-konvenut hija minnu espressa, "inter alia", fin-nota fol. 20, fejn hu jgħid hekk:— "Illi t-teżi tal-esponenti hi li Carmela Cauchi ħalliet b'legat il-fond kollu, qasmitu fi tlieta b'mod *li ma ħalliet xejn barra, u li* d-deskrizzjoni li tagħti tal-porzjonijiet hekk diviżi hija ntiża unikament biex tindika kif għandu jinqasam il-fond kollu";

Id-diċitura tat-tielet artikolu tat-testment, però, ma taqbelx ma' din l-interpretazzjoni. Infatti:—

(a) It-testatriċi ma qaletx li hija "tħalli lil...... il-lok ta' djar......", u ma qaletx li qegħdha tindika l-ambjenti ta' kull porzjoni unikament bħala mod ta' diviżjoni. Kieku għamlet hekk, forsi t-teżi tal-konvenut kien jista' jkollha xi valur;

(b) *Inveċi, it-testatriċi* mill-ewwel (i) ordnat *li l-lok* ta' djar "jinqasam", bla ma qalet sa issa bl-ebda mod li qegħedha "tħallieh" lil xi ħadd; qalet li għandu jinqasam fi tliet porzjonijiet, (ii) "li għandhom jinqasmu u jiġu as-senjati kif sejjer jingħad" ("ipsissimis verbis"), kosikkè mhux biss "jinqasmu" b'dak il-mod, imma anki jiġu "as-senjati" kif sejjer jingħad'; għaddiet mbgħad biex tgħid (iii) f'liema ambjenti għandha tikkonsisti kull porzjoni; il-kelma "tikkonsisti" ma hijiex allużiva għal indikazzjoni

sempliċi ta' (kif jgħid il-konvenut) "linja ta' diviżjoni", imma għall-konsistenza totali u komprensiva tal-porzjon; (iv) u wara d-deskrizzjoni ta' kull porzjon qalet li "dik il-porzjoni" (hekk deskritta, u konsistenti f'dawk l-ambjenti) kellha tiġi assenjata lit-tali legatarju;

(c) Meta wieħed jgħid f'hix tikkonsisti porzjon ta' stabili, hu loġiku li wieħed isemmi l-imbjenti kollha li hu jrid li jkunu kompriżi f'dik il-porzjoni. Intant it-testatriċi ma semmietx il-kumditajiet kostruwiti mill-attur Carmelo Said. It-teżi tal-"linji paralleli" (nota tal-konvenut fol. 22) ma taqbelx mal-lokuzzjoni tad-dispożizzjoni testamentarja in kommento, minbarra li tippostula l-kumbinazzjoni straordinarja li l-mod tad-diviżjoni li riedet it-testatriċi kien tali li jissemmew biss l-ambjenti antiki tal-fond bla ma jissemma lanqas biss wieħed mill-benefikati, u bla ebda biss wieħed jinzerta fil-linji proġettati;

(d) It-testatriċi qalet dan, in sostanza; (i) ordnat li l-fond jinqasam fi tliet porzjonijiet; (ii) qalet f'hix riedet li tikkonsisti kull porzjoni; (iii) u ordnat li l-porzjoni hekk komposta tiġi assenjata lill-legatarju. Ma hemmx f'daqshekk dak li jrid jiddeżumi l-konvenut. Ma ġiex legat il-fond, iżda porzjonijiet speċifiċi tal-fond;

Ikkunsidrat;

Fin-nota fol. 21 il-konvenut għamel l-argument li fil-waqt tat-testment, minbarra l-ambjenti ndikati mit-testatriċi, u minbarra l-benefikati kostruwiti minn Said, kien hemm ambjenti oħra, minnu ndikati, u ntant dawn ma ssemmewx mit-testatriċi, eppure ma hemmx kwistjoni li huma kompriżi fil-legat;

Issa, l-ewwelnett, kull indikazzjoni simili tista' tkun, għar-rigward ta' xi wħud minn dawn is-supposti ambjenti oħra, fallaċi, minħabba li, kif jirriżulta mill-aċċess, il-legatarji, wara l-mewt tad-decujus, komplew jagħmlu modifikazzjonijiet oħra strutturali, li obliteraw dak li kien hemm qabel. It-tieni, kwantu għal ċerti ambjenti minimi, bħal garagor, mhix ħaġa kbira li ma ġewx imsemmijin "nominatim", partikularment jekk dawn l-ambjenti żgħar kienu

fil-bċejjeċ tal-mandra nkluża f'kull porzjoni, kif jidhru li kienu mit-tismija fin-nota fol. 21. It-tielet, għal dawk li huma "kmamar", wieħed isib li fl-aċċess (inkluża l-kċina imqassma f'żewġ porzjonijiet) issemmew disgħa kmamar, liema numru jaqbel man-numru ta' kmamar imsemmijin fit-testment, (iv) flimkien ma' numru ta' kmamar (inklużi żewġ kamrini) kostruwiti mill-attur Said, skond ir-relazzjoni tal-Perit Buttiġieġ; (v) imma, apparti dan kollu, dik l-osservazzjoni tal-konvenut ma tiswiex biex tneħħi l-fatt ċert li t-testatriċi ndikat "expressis verbis" f'liema ambjenti kellha tikkonsisti kull porzjoni li kellha tiġi assenjata u f'dik id-deskrizzjoni tal-konsistenza ma nkludietx il-kumditajiet li dwarhom hemm il-kawża preżenti;

Fin-nota tiegħu l-konvenut osserva wkoll li ma hux loġiku li t-testatriċi ma tħallix in legat il-fond kollu. Però wieħed jista' jsib dan il-fil loġiku anki fir-riflessjoni li t-testatriċi, profana in materja, ma qagħdetx, fil-waqt tat-testment, taħseb fid-distinzjoni legali bejn benefikati li jsiru bil-kunsens tas-sid u jsiru tiegħu, salv il-ħlas tal-valur, u benefikati li jsiru bla dak il-kunsens, imma ħasbet biss li dawk il-kostruzzjonijiet kien għamilhom l-attur Said bi flusu, u li hi kienet ma ħallsetx tagħhom, u kwindi kienet tirrigwardahom bħala ħaġa mhux tagħha, li ma setgħetx tiddisponi minnha;

Il-konvenut iċċita wkoll, bħala argument in sostenn tal-assunt tiegħu, il-parti konklużjonali tat-tielet artikolu tat-testment, li hi hekk:— "It-testatriċi tiddikjara li dawn il-porzjonijiet għandhom jibqgħu suġġetti għal żewġ quddisiet letti fuq kull porzjon, bħala li ġa kienu mposti fuq il-lok kollu fit-testment tal-mejjet Giovanni Cauchi". U minn dawn il-kliem (fol. 204) il-konvenut donnu jrid jinferixxi li l-intenzjoni tat-testatriċi kienet dwar il-fond kollu. Dawk il-kliem tat-testment huma, inveċi, argument tal-kuntrarju. Verament it-testatriċi kellha fi ħsiebha l-lok kollu, imma "il-lok kollu fit-testment tal-mejjet Giovanni Cauchi"; u meta ġie mpost il-piż ta' żewġ quddisiet f'dak it-testment, il-lok kollu kien "mingħajr" il-benefika-

ti tal-attur Said u kien kif indikatu fit-testment it-testatrići, għaliex Said għamel il-benefikati, kif jidher mix-xhieda tiegħu u ta' martu fol. 12 u 13 tal-proċess, "wara" l-mewt ta' żewġ id-decujus, Giovanni Cauchi;

Għal dawn il-motivi;

Din il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant.